L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 9 ta' Awissu, 2002

## Hela ta' flus il-poplu

Ghal darba tnejn tigi quddiem ghajnejja, specjalemnt fil-kuntest ta' l-ahhar zviluppi, il-mistoqsija: "tghid ir-referendum se jkun hela ta' flus il-poplu?" Mentri qabel kont inqis din il-mistoqsija bhala wahda ipotegika li r-risposta taghha setghet b'xi mod tkun "le" – li referendum dwar shubija fl-Unjoni jista' jirrizulta f'"iva" allura kien hemm postu – dan l-ahhar sirt zgura li referendum f'Malta dwar jekk ghandniex nissiehbu fl-Unjoni Ewropea jew "le" se jkun hela ta' flus! U dan mhux qed nghidu bi pjacir!

Ma ghaddieli qatt minn mohhi niehu pjacir li l-poplu qed ihallas it-taxxi jew jiffinanzja progetti falluti! Ahna kollha kemm ahna nafu sakemm iwassal butna! Ghandna certu ghaqal li s-soltu jghaddi minn generazzjoni ghall-ohra li jaghmilna l-poplu li ahna!

Il-mistoqsija dwar jekk ir-referendum hux se jkun hela ta' flus il-poplu, nammetti li saret tbezzghani. Ghax ghal dak li ghandu tabilhaqq ghal qalbu l-gid tal-pajjiz, u ghal dak li jaf jara bil-quddiem, il-kwazi certezza li referendum se jsir biex jipprova verament li l-poplu Malti ma jridx shubija shiha fl-U.E. meta dan hu digà ovvju, iqanqallu dwejjaq kbar.

Il-poplu Malti se jkollu johrog flusu biex juri bil-miktub li, "ma jaqbilx ma' shubija shiha fl-Unjoni". Hemm certa validità f'dan kollu. Imma ghal xiex jidher li l-poplu Malti gà qed jidher li, "huwa kontra shubija shiha"?

Fil-fehma tieghi, huwa wisq difficli u ghaliex jiena bniedma xettika dwar l-Unjoni, m'iniex qed nifrah li r-referendum zgur mhux se jghaddi? Ghalkemm mistoqsija bhal din tista' tidher difficli biex tirrispondiha, il-verità hi n-naha tal-"Le", se jkollha triq wisq facli tirbah il-kawza taghna, mentri n-naha ta' l-"Iva" anki minhabba l-pozizzjoni finanzjarja taghha, bl-gharfien shih li r-rizultat tar-referendum se jkun "le" se tibqa' tghaffeg u tahli flus il-poplu f'kawza mitlufa biex tiddefendi l-irgulija!

Nammetti li certi artikli niktibhom sempliciment biex indahhalhom fil-kexxun halli wara li jkun ghadda z-zmien nerga' naqrahom u nara jekk it-tbassir tieghi qabel ma gara l-fatt, kienx korrett jew le!

U l-artiklu tal-lum, barra milli qed nanalizza s-sitwazzjoni prezenti u l-grajjiet kurrenti ta' l-U.E., u kif dawn qed jintlaqghu f'pajjizna, bla dubju ta' xejn, qieghda niktbu biex sena, sentejn ohra nkun nista' nerga' nohorgu mill-kexxun.

Jista' jkun li f'dawn l-okkazjonijiet qed nipprova naghmilha tal-profeta, la bibbliku u lanqas ekonomiku, biex tbassar il-futur f'okkazjonijiet bhal dawn!

L-U.E. saret bhal droga ghall-Gvern Malti. Saret vizzju li taf li qieghda taghmlu ghalxejn, imma xorta taghmlu, li lest li taghmel kollox biex tiksbu ghalkemm taf li l-frott tieghu hazin. Hekk, is-sintomi kollha tal-vizzju li jeghleb ir-raguni!

Donnok tispicca li ghax bdejt taghmel haga, trid bilfors tkompliha ghalkemm taf li l-falliment taghha huwa fil-qrib. Hija dilemma mentali li tidhol fiha, u li ma thallikx thares lura u twasslek lejn ix-xifer. Inqabbilha ma' dak li jaf li qed jahdem b'dannu ghal sahhtu u li ma jridx jerga' minn xoghlu fuq pariri tat-tabib; ma' dak li jpejjep u jaf li qed jaghmel hazin ghal sahhtu; ma' dak li jahdem il-

murtali u jaf li qieghed f'periklu li jitlef hajtu – imma ma jistax jieqaf milli jaghmilhom, u ma' dak li tant huwa moghmi bl-imhabba li ma jistax jehles minnha.

Fissazzjonijiet! Le, tiskantawx, ma jezistux biss fuq l-individwi, imma wkoll fi grupp ta' nies! Issa, il-grupp ta' nies f'dal-kaz, huwa l-Gvern! L-isfortuna hija li, kull decizjoni li tittiehed mill-Gven mhijiex se taffettwa lill-membri tal-Gvern biss, jew lil dawk li jappoggjawhom, imma lill-poplu kollu Malti, li digà juri li huwa mdejjaq bis-sitwazzjoni.

Imma sakemm qieghed hemm, il-Gvern ghandu l-jedd li jiddeciedi hu. Ghandna l-fortuna jew ix-xorti li se jkollna jedd li niddeciedu dwar il-futur ta' pajjizna permezz ta' referendum (xi haga li pajjizi Ewropej ohra ghadhom jiggieldu ghaliha, fosthom il-Germanja nnifisha).

Imma r-referendum mhux cajta lanqas! Ghal xiex ghandna naghmlu r-referendum jekk nafu li iktar ma jidhol iz-zmien, iktar setturi mill-poplu Malta qeghdin juru li huma fil-fatt kontra s-shubija shiha fl-Unjoni?

Jibqghalna biss triq wahda… li dan l-imbierek referendum ghall-inqas isir fl-istess gurnata ma' l-elezzjoni. Ghall-inqas ma nahlux flus doppji!

U wara r-referendum … (kif qed inbassar jien b'rizultat negattiv)... x'se tkun il-politika l-gdida tal-Gvern prezenti… ibqa ffissa! Jew hu *break* u erga' ahsibha?

Fil-fehma tieghi, huwa wisq dificli ghall-Gvern li jkkonvinci lill-poplu biex ihazzez "iva" fir-referendum dwar shubija shiha fl-U.E. ghax iktar kemm jghaddi z-zmien, aktar hemm setturi ta' l-istess poplu li qeghdin isiru jafu (ghax il-muftieh ta' kollox huwa l-gharfien – l-ezistenza tal-fatti ilha hemm hafna, imma l-poplu qabel ma kienx jaf biha jew kien jiddubitaha) li se jintlaqtu direttament hazin minn shubija shiha.

Fost dawn is-setturi tal-poplu nsibu lill-kaccaturi, lis-sajjieda u 'l dawk kollha li ghandhom ghal qalbhom – mhux il-valur insara – imma l-valuri tal-hajja, u ghal din ir-raguni huma kontra l-abort!

Fil-kaz tal-kaccaturi nafu li n-numru ta' votanti huwa wiehed sostanzjali li jista', jekk jinghaqad bhala partit sahansitra jtella' siggu fil-Parlament jekk il-koncentrazzjoni ta' kaccaturi tkun bizzejjed fuq distrett partikulari. Dawn ghandhom bejn wiehed u iehor xi 30,000 vot f'idejhom u, kienu huma li nizzlu l-Gvern minn postu fl-1996, ghalkemm kien hemm fatturi ohrajn li rrizultaw fil-waqgha tal-Gvern ta' dak iz-zmien.

Is-sajjieda, ghalkemm m'ghandna l-ebda statistika li naf biha jien, kemm jistghu jammontaw ghall-voti, ukoll huma settur iehor irrabjat ghall-ahhar ghat-tnaqqis ta' territorju fl-ibhra Maltin. Mhux ghax mhux il-poplu Malti kollu m'ghandux ghal xiex ikun irrabjat jew innervjat – imma hafna nies ihossu meta toqroshom fil-"laham il-haj" u jekk ma nqarsux fil-"laham il-haj" is-sajjieda Maltin ma nafx min inqaras!

U xi nghidu ghal dawk minna li huma kontra l-abort? Niehu t-termometru ta' persuna tat- triq (*the common man in the street*). Lorna bhala persuna li titkellem ma' nies ohra fil-hajja ta' kuljum. Il-poplu Malti mhux jew m'ghadux poplu bezziegh – sar jesprimi ruhu dwar affarijiet morali u jaf imur lilhinn mir-religjon u jitkellem dwarhom liberament.

Daqskemm il-poplu Malti jiddibatti bil-kbir jekk ghandux jiddahhal id-divorzju f'pajjizna u milli jidher hawn, nazzarda nghid, maggornaza li tiffavorixxi l-abort. In-numru ta' votanti li huma kontra l-abort f'pajjizna jinfirex fost l-istrixxi ta' l-etajiet kollha tal-poplu. Kemm anzjani (hafna drabi minhabba l-isfond Kattoliku) kif ukoll nies ta' l-età tan-nofs u zghazagh – kollha kemm huma di principju kontra l-abort.

Allura, dan ifisser li maggoranza kbira ohra, din id-darba mhux f'settur partikulari, imma mill-popolazzjoni kollha, ghandha verament ghal xiex tkun kontra l-U.E. jekk trid topponi l-qtil ta' trabi fil-guf ta' l-omm. F'pajjiz b'bazi tajba Kattolika fejn il-valuri tal-familja ghadhom jnhassu, u fejn in-nukleju familjari jaghti d-dinjità kompluta lill-persuna (li nemmen li jbieghed minnha anki l-faqar u s-solitudni ta' l-individwu) tant li kemm-il darba intqal min-naha ta' l-"Iva" stess li huwa moralment li ghandna hafna x'naghtu u x'nitghallmu mill-Unjoni – percentagg kbir mill-popolazzjoni se tirribella u ma tafdax f'idejn l-Unjoni decizjonijiet li jistghu jaffettwaw il-moral taghha.

Barra mnn dawn il-gruppi rrabjati ghall-ahhar ghall-izviluppi fl-indhil tal-politika Ewropea fuq dik nazzjonali, hemm ohrajn li ghalihom digà beda jberraq. Fost dawn insibu lill-kummercjanti u dawn li ghandhom intraprizi zghar u ta' daqs medju. Hekk ukoll dak li jahdmu ghal rashom u ohrajn.

U ghalhekk fejn qatt tista' tkun il-maggoranza ta' l-"Iva"? Flus, flus, flus – hemm bzonn il-flus biex forsi nitfghu l-bzar f'ghajnejn il-poplu u ngeghluh jaghti widen lilna flok l-ugigh li digà qed ibati.

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*